

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2012 — Cortés del Valle López vs UASI (¡Que buenu ye! HIJOPUTA)**

(Kawża T-417/10) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komuniatarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komuniatarja figurattiva ¡Que buenu ye! HIJOPUTA — Raġuni assoluta għal rifiut — Trade mark li tmur kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità — Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament Nru 207/2009*”)

(2012/C 126/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Federico Cortés del Valle López (Maliaño, Spanja) (rappreżentanti: J. Calderón Chavero u T. Villate Consonni, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-18 ta' Ġunju 2010 (Każ R 175/2010-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv ¡Que buenu ye! HIJO-PUTA bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) F. Cortés del Valle López huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 301, 06.11.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2012 — Kurrer et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża magħquda T-441/10 P sa T-443/10 P) <sup>(1)</sup>

(“*Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Klas-sifikazzjoni fi grad — Regoli tranżitorji ta' klassifikazzjoni fi grad matul ir-reklutaġġ — Artikolu 5(4) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Prinċipju ta' trattament ugħwali*”)

(2012/C 126/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellanti: Christian Kurrer (Watermael-Boitsfort, il-Belġju) (Kawża T-441/10 P); Salvatore Magazza (Brussell, il-Belġju) (Kawża T-442/10 P); u Stefano Sotgia (Dublin, l-Irlanda) (Kawża T-443/10 P) (rappreżentant M. Velardo, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: J. Currall, aġġent); u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u M. Simm, aġġenti)

**Suġġett**

Tliet appelli mis-sentenzi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tat-8 ta' Lulju 2010, Magazu vs Il-Kummissjoni (F-126/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabru), Sotgia vs Il-Kummissjoni (F-130/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabru) u Kurrer vs Il-Kummissjoni (F-139/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabru), u intiżi għall-annullament ta' dawn is-sentenzi.

**Dispożittiv**

(1) L-appelli huma miċħuda.

(2) Christian Kurrer, Salvatore Magazza u Stefano Sotgia għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

(3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 328, 04.12.2010.

**Digriet tal-Qorti Ġeneral ta' Marzu 2012 — EyeSense vs UASI — Osypka Medical (ISENSE)**

(Kawża T-207/11) <sup>(1)</sup>

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ISENSE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti EyeSense — Raġuni relativa għal rifiut — Probabilità ta' konfużjoni — Xebħi tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b), tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”)

(2012/C 126/31)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: EyeSense AG (Basel, l-Isvizzera) (rappreżentant: N. Aicher, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Manea aġġent)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Osypka Medical GmbH (Berlin, il-Ġermanija)

**Suġġett**

Rikors ippreżżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-4 ta' Frar 2011, (Każ R 1098/2010-4) rigward proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn EyeSense AG u Osypka Medical GmbH.